

Brussell, 28 ta' Novembru 2016  
(OR. en)

14751/16

FISC 203  
ECOFIN 1093

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) <ul style="list-style-type: none"><li>– Rapport lill-Kunsill</li><li>– Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill</li></ul>

---

1. Fil-laqgħa tiegħu tal-24 ta' Novembru 2016, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ddiskuta r-rapport mill-Grupp lill-Kunsill.
2. Bħas-soltu, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Slovakka kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 14750/16 FISC 202 ECOFIN 1092);
- jilqa' b'mod partikolari l-ħidma li saret dwar il-kjarifika tat-tielet u r-raba' kriterji tal-Kodiċi fil-kuntest tar-rapporti BEPS tal-OECD dwar l-Azzjonijiet 5-8-9-10;

- jaqbel li jqis il-prinċipji tal-approċċ nexus modifikat, kif deskritt fir-rapport BEPS tal-OECD dwar l-Azzjoni 5, bħala punt ta' tluq għall-ħidma tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta dwar reġimi preferenzjali minbarra s-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi meta jinterpretat t-tielet kriterju tal-Kodiċi u li jissostanzja dawn il-prinċipji skont il-każ u skont it-tip ta' reġim b'mod konsistenti mal-OECD;
- japprova r-rapport BEPS tal-OECD dwar *L-allinjament tal-prezzijiet ta' trasferiment ikkalkulati fuq il-ħolqien tal-valur* (l-Azzjonijiet 8-9-10);
- jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex, waqt li tagħmel użu mill-grupp ta' esperti tagħha tal-Forum Konġunt tal-UE dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment (JTPF), tinvestiga l-ħtieġa li jiġu riveduti l-linji gwida tal-UE tal-passat dwar kwistjonijiet tal-prezzijiet ta' trasferiment fid-dawl ta' dan ir-rapport BEPS tal-OECD u biex tirrapporta u tagħti parir lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta kif adatt;
- jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex ikompli bil-ħidma tiegħu bl-għan li jiffaċilita, permezz tat-tielet u r-raba' kriterji, l-implimentazzjoni effettiva, rapida u koordinata fil-livell tal-UE tal-prinċipji tal-approċċ nexus modifikat u prinċipji oħra aċċettati internazzjonalment bħall-prinċipju ta' distakkament kif żviluppatti mill-OECD;
- jaqbel li jieħu kont tal-bidliet fil-Linji Gwida tal-OECD dwar l-Ipprezzar ta' Trasferiment għall-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' distakkament aċċettat internazzjonalment bħala referenza ewlenija għar-raba' kriterju tal-Kodiċi;
- jappoġġa wkoll aktar ħidma mill-OECD dwar kwistjonijiet ta' pprezzar ta' trasferiment, fost l-oħrajn il-metodu tranżazzjonali ta' tqassim tal-qligħ;
- jilqa' l-progress li sar wara l-konklużjonijiet tal-ECOFIN ta' Novembru dwar l-identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu inklużi fil-proċess ta' screening u jitlob lill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta biex jissokta din il-ħidma;

- jilqa' l-qbil fuq linji gwida dwar kwistjonijiet proċedurali relatati man-notifika ta' miżuri ta' tassazzjoni u dwar il-linji gwida dwar il-kondizzjonijiet u r-regoli għall-ħruġ ta' deċiżjonijiet tat-taxxa;
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u jistieden lill-Grupp biex jissokta l-ħidma tiegħu skont il-Pakkett ta' Ħidma tal-2015;
- jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu mal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi tal-Kondotta, kif jinsabu fir-rapport;
- jistieden lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-allinjament tas-sistemi ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi mal-approċċ nexus maqbul;
- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Maltija".

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 14750/16 FISC 202 ECOFIN 1092), flimkien mal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn fuq;
- jissuġġerixxi li huwa japprova t-tnejn li huma bħala punti "A" fl-aġenda tiegħu.